**6 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Raymond Camilleri

*versus*

Dr. Henry *sive* Eric Mamo għan-nom u in rappreżentanza tal-Mid Med Bank Ltd.

## *Jus Avocandi* - Konkors ta' Kredituri - Artikoli 416 u 417 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

*L-artikolu 417 tal-Kodiċi ta' Proċedura jagħti dritt li jippermetti kull persuna li ma tkunx dehret fi proċeduri ta' konkors ta' kredituri, li jistitwixxi proċeduri apożiti sabiex id-dritt tiegħu għad-depożitu li jkun qed jiġi kontestat jiġi stabbilit bi preferenza jew fi grad indaqs għal dik il-persuna li tkun ġiet pregradwata fil-proċeduri*

*ta' konkors; l-artikolu 417 tal-Kodiċi ta' Proċedura jippreskrivi li d-deċiżjoni tal-kawża ta' konkors bejn il-kredituri li jkunu dehru fiż-żmien stabbilit kif preskritt fl-artikolu 416 ma twaqqax mill-jeddijiet tagħhom lil dawk il-persuni li ma jkunux dehru; il-Bank konvenut jippretenda f'din l-istanza li l-attur ma setax jaġixxi għaliex il-fakoltà kienet mogħtija lill-persuni "li ma jkunux dehru" u li la darba l-attur kien notifikat bil-proċeduri ta' gradwazzjoni ma jistax issa jippretendi li terġa' ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri.*

*Il-Qorti ċaħdet din l-eċċezjoni u ddifferiet il-kawża għal kontinwazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-10 ta' Ottubru, 1994 li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li huwa kien ġie kanonizzat kreditur kontra ċertu Emanuel Mizzi fis-somma ta' erbat elef, tmien mija u seba' u sebgħin lira Maltija, disa' u erbgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm4,877.49,8) bl-ispejjeż u l-imgħax u dana b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-20 ta' April, 1989 (Ċitaz. nru. 801/88); illi in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza l-attur kien ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' qbid u din il-Qorti ordnat il-bejgħ in subbasta ta' l-oġġetti maqbuda bl-imsemmi mandat; illi l-introjtu ta' din is-subbasta ġew depożitati l-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu nru. 941/88 fl-ismijiet **Marixxal Salvatore Schembri vs Raymond Camilleri u Dr. Graham Busuttil LL.D. u l-P.L. Anthony Farrugia nominati b'digriet tas-26 ta' Settembru, 1988 kuraturi biex jirrappreżentaw lill-asssenti Emanuel Mizzi**; illi l-attur kien ippreżenta rikors fil-21 ta' Frar, 1990 fejn kien talab lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ftuħ tal-konkors tal-kredituri fuq is-somma depożitata biċ-ċedola msemmija (konkors numru 3/90 F); illi minħabba bosta eċċezzjonijiet dilatorji, l-attur kien ċeda l-atti tal-konkors fuq imsemmi; illi l-

attur kien b'rikors opportun talab il-ftuħ mill-ġdid tal-konkors ta' kredituri fuq is-somma depożitata f'atti taċ-ċedola fuq imsemmija (konkors numru 2/93 GMA); illi b'sentenza tagħha tat-12 ta' Ottubru, 1993 din l-Onorabbli Qorti kienet iddikjarat illi l-kreditu ta' l-attur għandu jiġi sodisfatt l-ewwel; illi, b'sorpriża għall-attur, huwa sar jaf li l-flus depożitati fl-atti taċ-ċedola fuq imsemmija kienu diġà ġew żbankati u dana konsegwenza ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Marzu, 1993, liema sentenza kienet konsegwenza ta' rikors ippreżentat mill-konvenut *nomine* f'din il-kawża għall-ftuħ ta' konkors ta' kredituri fuq is-somma depożitata fiċ-ċedola fuq imsemmija (konkors numru 4/91 AJM); illi apparti s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 1993 (konkors numru 2/93 GMA) l-attur iħoss illi hemm raġunijiet għaliex għandu jkun gradwat qabel jew daqs il-konvenut *nomine*, fosthom li l-attur kien il-kreditur esekutant u li l-kreditu tiegħu kien insinwat b'ipoteka ġudizzjarja (9945/89) u inoltre, l-konvenut *nomine* ma jistax jivvanta ebda privileġġ fuq l-oġġetti li ġew maqbuda għaliex dawn għaddew f'idejn terza persuna, talab li din il-Qorti:

Tiddikjara illi l-jedd ta' l-attur fuq il-flus żbankati mill-konvenut *nomine* huwa daqs jew aqwa minn dak tal-konvenut *nomine* u dan a tenur ta' l-artikolu 417 tal-Kapitolu 12;

Tillikwida s-sehem mill-flus spettanti lill-attur f'każ li jiġi deċiż li l-jedd ta' l-attur hu ugwali bħal tal-konvenut *nomine*;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma żbankata mill-istess konvenut *nomine* jew somma oħra verjuri skond kif jiġi deċiż minn din il-Qorti;

Bl-ispejjeż u l-imgħax kontra l-konvenut *nomine* li huwa nġunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota tal-konvenut preżentata fid-9 ta' Diċembru, 1994 li permezz tagħha eċċepixxa:

Preliminarjament, illi l-attur ippreżenta l-kawża odjerna intempestivament stante illi s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 1993, fil-konkors tal-kredituri numru 4/91 AJM li permezz tagħha l-bank konvenut kien ġie pregradwat l-ewwel, hija suġġett ta' kawża ta' ritrattazzjoni mitluba mill-attur odjern permezz ta' libell numru 10/93 AD li għadha pendenti u għaldaqstant l-eċċipjent *nomine* għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-intempestività ta' l-azzjoni odjerna stante li l-attur kien ċeda l-proċeduri ta' konkors ta' kredituri numru 3/90F dwar l-istess meritu u li kienu ġew istitwiti minnu u għalhekk a tenur ta' l-artikolu 907 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-istess attur ma setax jistitwixxi l-proċedura odjerna qabel ma jħallas lill-eċċipjent l-ispejjeż ta' dawk il-proċeduri;

Subordinatament it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu li l-attur għandu xi jedd li jippregradwa qabel dak ta' l-eċċipjent *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut *nomine*;

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-10 ta' Ġunju, 1996 meta ġie verbalizzat li l-konvenut kien qed jirtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut

preżentata fil-5 ta' Ġunju, 1996 li permezz tagħha eċċepixxa:

L-irritwalità taċ-ċitazzjoni odjerna stante illi ai termini ta' l-artikolu 417 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attur mhux persuna li ma deherx fil-konkors ta' kredituri numru 4/91 AJM deċiż fid-29 ta' Marzu, 1993, ir-ritrattazzjoni ta' liema ġiet ikkanċellata fis-16 ta' Mejju, 1996, stante li fil-fatt l-attur kien ġie notifikat regolarment bir-rikors għall-apertura tal-konkors u għalhekk għandu jiġi meqjus li kien parti f'dawk il-proċeduri;

Illi, fi kwalunkwe każ, meta l-attur fit-2 ta' Lulju, 1993 ippreżenta libell għar-ritrattazzjoni ta' dak il-konkors huwa bla dubbju deher f'dawk il-proċeduri ta' konkors ta' kredituri u għalhekk m'għandux dritt issa jinvoka il-*jus avocandi* stante li dan id-dritt hu mogħti biss lil dawk il-kredituri li ma jkunux dehru fil-konkors;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet u d-dokumenti kollha konnessi ma' din l-eċċezzjoni u l-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Frar, 1997 meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tan-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni intentata mill-attur odjern hija bbażata fuq l-artikolu 417 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jagħti d-dritt, hekk imsejjaħ *jus avocandi* li jippermetti lil kull persuna li ma tkunx dehret fi proċeduri ta' konkors ta' kredituri li jistitwixxi proċeduri appożiti sabiex id-dritt tiegħu għad-depożitu li jkun qed jiġi kkontestat jiġi stabbilit bi preferenza jew fi grad indaqs għal dik il-persuna li tkun ġiet pregradwata fil-proċeduri ta'

konkors;

Konkors ta' kredituri jinżamm wara talba minn persuna li tkun qed tippretendi jedd fuq depożitu li jkun sar il-Qorti meta jkun hemm iżjed minn żewġ persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom. Hekk kif jiġu osservati l-proċeduri kollha imsemmija fl-artikolu 416, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-gradwazzjoni tal-kredituri u tistabbilixxi l-mod kif id-depożitu għandu jiġi assenjat bejn il-konkorrenti;

Iżda l-artikolu 417 jippreskrivi li d-deċiżjoni tal-kawża ta' konkors bejn il-kredituri li jkunu dehru fiż-żmien stabbilit, kif preskritt fl-artikolu 416, ma twaqqax mill-jeddijiet tagħhom lil dawk il-persuni li ma jkunux dehru, u kull waħda minn dawn il-persuni tista', wara titlob lura l-flus kollha jew parti minnhom, mingħand il-kreditur gradwat kemm-il darba l-jeddijiet tagħha jiġu, f'kawża għaliha, magħrufa bħala aqwa jew daqs dawk tal-kreditur gradwat, iżda jekk jiġi ppruvat illi dik il-persuna li għandha jedd aqwa jew indaqs setgħet tidher biex tikkonkorri fiż-żmien li jmiss, in-nuqqas tad-dehra tagħha jista' jitqies fid-deċiżjoni ta' l-ispejjeż;

Minn din l-eċċezzjoni għar-regola li kull deċiżjoni għandha tkun finali u torbot lill-partijiet, il-Qorti tirraviża l-preokkupazzjoni tal-leġislatura biex jagħmel il-ħaqq ma' kull min għandu dritt, irrispettivament minn xi drittijiet akkwiżiti minn terzi in forza ta' sentenza prijuri. Dan id-dritt għalhekk huwa mogħti mhux biss lil min, għal xi raġuni jew oħra, "ma jkunx deher", iżda anke lil dik il-persuna li, għalkemm setgħet tidher biex tikkonkorri, naqset li tagħmel hekk fi żmien li jmiss. Naturalment f'din l-aħħar ipotesi l-leġislatur irid li "in-nuqqas tad-dehra tagħha jista' jitqies fid-deċiżjoni ta' l-ispejjeż". Dan għaliex l-ispejjeż żejda inkorsi minħabba n-nuqqas ta' dik il-persuna ma għandux ibatihom min kien ikkonkorra

leġittimament u ġie gradwat fil-proċeduri ta' konkors ta' kredituri;

Il-każ in eżami huwa każ klassiku li jentra fl-ambiti tad-disposizzjonijiet tal-*jus avocandi*. Infatti l-attur odjern kien ġie kanonizzat kreditur ta' Emanuel Mizzi in forza ta' sentenza. Din is-sentenza ġiet insinwata u ġiet reġistrata ipoteka ġenerali kontra d-debitur. Meta l-istess attur odjern ittanta jiżbanka l-flus li kienu ġew depożitati fir-reġistru tal-Qorti bħala riżultat tal-bejgħ forzat ta' xi effetti tad-debitur tiegħu sab oġġezzjoni għall-imsemmi żbank u konsegwentement kellu jipproċedi ai termini ta' l-artikolu 416 tal-Kap. 12 u ċjoè l-proċeduri ta' konkors ta' kredituri;

Ġara illi f'dawk il-proċeduri, fejn ukoll kien ipparteċipa l-konvenut odjern, ġew sollevati eċċezzjonijiet dilatorji li fl-aħħar waslu lill-attur odjern iċedi l-istess atti. Fil-frattemp, u waqt li l-istess proċeduri kienu għadhom viġenti, il-konvenut odjern istitwixxa proċeduri separati għal ftuħ ta' konkors ta' kredituri ta' Emanuel Mizzi u fuq l-istess depożitu. Dawn il-proċeduri ġew deċiżi minn din il-Qorti b'sentenza tad-29 ta' Marzu, 1993 fejn Dr. Henry *sive* Eric Mamo *nomine*, fl-assenza ta' konkorrenti oħra, ġie awtorizzat jiżbanka s-somma depożitata kif fuq ingħad. Għalhekk, meta fit-12 ta' Ottubru, 1993, wara li ġew deċiżi l-proċeduri ġodda li istitwixxa l-attur odjern in sostituzzjoni tal-proċeduri oriġinali li kienu ġew ċeduti, l-istess Raymond Camilleri ma setax jiżbanka l-ammont depożitat u fil-konfront ta' liema kien ġie gradwat l-ewwel, billi dan kien ġà ittieħed mill-Mid-Med Bank in forza tas-sentenza fuq imsemmija;

Meta Raymond Camilleri ra hekk huwa istitwixxa proċeduri għar-ritrattazzjoni tas-sentenza ottenuta mill-Mid-Med Bank fid-29 ta' Marzu, 1993. Ir-raġunijiet hemm

imsemmija mhux il-każ li jiġu eżaminati jew riprodotti hawn billi ma jikkonċernawx il-kwistjoni sotto eżami. Fl-istess waqt u matul il-pendenza ta' dik it-talba għar-ritrattazzjoni, l-attur ippreżenta din il-kawża ai termini ta' l-artikolu 417 tal-Kap. 12. Oriġinarjament ingħatat, mill-konvenut *nomine*, l-eċċezzjoni ta' l-intempestività inkwantu ġie rrilevat li din il-kawża ma setgħetx tiġi istitwita qabel ma jiġu deċiżi l-proċeduri ta' ritrattazzjoni. Iżda din l-eċċezzjoni ġiet irtirata meta l-proċeduri ta' ritrattazzjoni, istitwiti mill-attur odjern, kif fuq ingħad, ġew ċeduti;

Il-kwistjoni kollha għalhekk tirrisolvi ruħha fuq il-punt jekk l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 417 li tagħti d-dritt tal-*jus avocandi* kinitx kompetenti lill-attur odjern ġaladarba huwa, kif isostni l-konvenut, kien deher ossia kien jifforma parti mill-proċeduri tal-konkors ta' kredituri istitwiti mill-istess Mid-Med Bank;

Il-konvenut qed jgħid li ġaladarba l-attur odjern kien notifikat b'dawk il-proċeduri, ma jistax issa jippretendi li terġa' ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri ta' Emanuel Mizzi billi din il-fakoltà, skond il-konvenut, hija mogħtija biss lil dawk il-persuni "li ma jkunux dehru" kif jistabbilixxi l-istess artikolu 417;

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Apparti l-kwistjoni tal-validità tan-notifika ta' Raymond Camilleri, u anke dik tal-persuni l-oħra kollha imsemmija fis-subinċiż (4) ta' l-artikolu 416 fil-proċeduri tal-konkors ta' kredituri istitwiti mill-Mid-Med Bank, liema notifika ma tifformax il-meritu ta' din is-sentenza, ċertament, kif ġà ingħad fuq, il-possibbilità ta' proċeduri kontemplati fl-artikolu 417 u ċjoè l-*jus avocandi* hija kompetenti ukoll anke lil dawk il-persuni li għalkemm setgħu jidhru fil-proċeduri tal-konkors naqsu li jagħmlu hekk fit-termini stabbiliti;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut u tiddiferixxi l-kawża għall-provi dwar il-meritu għas-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 1997 fid 9.00 a.m.;

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

---